MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2011

Citazzjoni Numru. 876/2011

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**vs**

**Pacifico u Rita mizzewgin Vella**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta’ Bank of Valletta p.l.c., li permezz tieghu, wara li gie premess illi:

Bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f’kuntratt datat 13 ta’ Lulju 2006, in atti Nutar Dottor Marthese Felice (Dok. “A”), is-socjeta’ attrici kkoncediet facilitajiet bankarji lil Pacifico u Rita mizzewgin Vella;

Is-socjeta’ attrici tinsab kreditrici ta’ Pacifico u Rita mizzewgin Vella fis-somma ta’ mitejn u tmienja u sittin elf u tnejn u hamsin Ewro u hamsa u tmenin centezmu

(€268,052.85), bilanc ghad-debitu fil-“*Loan Accounts*” ta’ Pacifico u Rita mizzewgin Vella mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. “B1 sa B3” u Dok. “C1 sa C7”), flimkien mal-imghax ulterjuri mill-20 ta’ Lulju 2011 sad-data tal-effettiv pagament;

Sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (u hawn esebit bhala Dokument “A”); partikolarment imma mhux esklussivament, billi Pacifico u Rita mizzewgin Vella,

(a) naqsu milli jhallsu l-pagament dovuti lis-socjeta’ mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt, (b) kienu inadempjenti f’obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Pacifico u Rita mizzewgin Vella li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita’ tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta’ attrici.

L-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment.

Il-konvenuti Pacifico u Rita mizzewgin Vella gew interpellati permezz ta’ ittra ufficjali datata 6 ta’ Gunju 2011, li kopja taghha qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok. ‘D’, sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadempjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Talbet is-socjeta’ attrici tghid sabiex din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (u hawn esebit bhala Dokument “A”), partikolarment imma mhux esklussivament, billi Pacifico u Rita mizzewgin Vella, (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta’ mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratt, (b) kienu inadempjenti f’obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Pacifico u Rita mizzewgin Vella li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita’ tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta’ attrici, u

Tikkundanna lil Pacifico u Rita mizzewgin Vella jhallsu flimkien u "*in solidum*" bejniethom lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u tmienja u sittin elf u tnejn u hamsin Ewro u hamsa u tmenin centezmu (€268,052.85), bilanc ghad-debitu fil-"*Loan Accounts*" ta' Pacifico u Rita mizzewgin Vella mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B1 sa B3" u Dok. "C1 sa C7"), flimkien mal-imghax ulterjuri mill-20 ta' Lulju 2011 sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 6 ta' Gunju 2011, kontra l-konvenuti li huma ingunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat in-nota tal-konvenut Pacifico Vella, li permezz taghha, huwa ddikjara li jammetti t-talbiet tal-Bank attur kif dedotti.

Rat in-nota ta' Rita Vella, mart l-istess Pacifico Vella, li permezz taghha, hija ammettiet it-talba attrici b'rizerva ta' kull jedd lilha spettanti ghal rivalsa kontra zewgha ghall-ammont dovut u spejjez konnessi ma' dawn il-proceduri quddiem il-Qorti kompetenti.

Rat l-atti kollha.

Rat li l-kawza giet posposta ghas-sentenza.

Jirrizulta illi t-talbiet tal-Bank attur jisthoqqilhom li jigu milqugha.

Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel talba; tilqa' t-tieni talba, bl-ispejjez kif mitluba fir-rikors promotur.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------